# Il-Madonna ta' Loreto

## Disgħin Sena Protettriċi tal-Avjazzjoni 1920 – 2010

*Ikkontribwixxew għal dan l-artiklu:*
*Italo Cauchi*
*Elvin Tabone*







L-istorja tat-Titular Marjan f'Loreto tmur lura aktar minn seba' mitt sena meta fit-telfa tal-Art Imqaddsa lill-Misilmin, id-Dar tal-Madonna ġewwa Nazareth ġiet trasportata misterjożament lejn l-Ewropa biex tibqa' tkun meqjuma mill-Insara f'post aktar sigur u aċċessibbli. Il-Knisja, sa mill-bidu tal-wasla ta' din id-Dar ġewwa Loreto fl-Italja, offriet l-verżjoni anġelika u t-trasport fl-ajru bħala spjegazzjoni għal dan il-misteru. Il-Mulej Alla, sabiex ma jħallix din id-Dar tiegħu fuq l-art tiġi meqruda mill-ħerba tal-Misilmin, wettaq wieħed mill-akbar mirakli tiegħu meta ordna lill-Anġli jġorru lil din id-Dar u jeħduha lejn il-kenn tal-Ewropa fid-Dalmazja (illum Kroazja). Wara tlett snin u ftit xhur, l-Anġli għal darb'oħra ġarrew id-Dar, qasmu l-baħar Adrijatiku u waslu fl-Italja fejn wara li tpoġġiet f'diversi postijiet qrib il-kosta, huma ħallew id-Dar tistrieħ fuq t-triq pubblika t'għolja bl-isem ta' Loreta. Dawn il-ġrajjiet seħħew bejn Mejju tas-sena 1291 u l-10 ta' Diċembru 1294. Illum diversi studji li saru matul l-aħħar ħamsin sena wrew li seta' kien hemm l-intervent uman fit-trasportazzjoni ta' din id-Dar, għalkemm xorta jibqgħu diversi mistoqsijiet mhux imwieġba u misteri mhux spjegati. Madwar din id-Dar f'Loreto bdiet tiela' l-Bażilika Marjana u l-belt fortifikata li naraw illum sakemm fis-sena 1507 il-Papa Ġulju II issottometta t-tmexxija ta' din ir-relikwa taħt is-Santa Sede Apostolika f'Ruma. Matul dawn is-seba' mitt sena, din il-Bażilika kienet attrazzjoni ewlenija ta' miljuni kbar ta' pellegrini kif ukoll tal-aqwa pitturi u skulturi ta' kull żmien li ħadmu fiha u ħallew xogħlijiet ta' valur artistiku imprezzabbli.

F'Diċembru tas-sena 1903, il-bniedem irrejalizza waħda mill-akbar xewqat li kellu meta fl-Amerika l-aħwa Wright għamlu l-ewwel titjira permezz ta' ajruplan, liema titjira damet ftit aktar minn tnax-il sekonda fuq distanza ta' kważi 40 metru u għoli ta' 3 metri. Minn dan il-bidu fenominali iżda fqajjar, il-bniedem mill-ewwel beda jiżvilluppa din it-teknologija ġdida sakemm f'perjodu t'għoxrin sena t-trasport bl-ajru sar mezz popolari tat-trasport madwar id-Dinja, esklussivament għas-sinjuri u utilizzat ħafna mill-militar inkluż fl-Ewwel Gwerra Mondjali (1914-1918).

Sa mill-bidu nħasset l-ħtieġa li dan it-trasport ġdid ikun taħt il-protezzjoni tad-Dar Imqaddsa ta' Marija ġewwa Loreto, trasportata fl-ajru permezz tal-ġwienaħ tal-Anġli. L-ewwel proposti f'dan ir-rigward naturalment saru fl-Italja stess meta fl-Ewwel Gwerra Mondjali l-iskwadra tal-ajru Taljana "25a Squadriglia" pinġiet fuq l-ajruplani tagħha (Voisin III – mudell Franċiż) id-Dar Imqaddsa tal-Madonna, bħala l-protettriċi tagħhom.

Il-poeta ċelebri u patrijott Taljan Gabriele D'Annunzio f'dawk iż-żminijiet ukoll għamel proposta biex l-avjazzjoni tkun taħt il-protezzjoni tal-Madonna ta' Loreto. D'Annunzio kien wieħed mill-pijunieri Taljani tal-avjazzjoni. Filfatt fis-sena 1908, ħames snin biss wara li l-aħwa Wright għamlu l-ewwel titjira tal-bniedem, D'Annunzio ingħaqad mal-istess aħwa Wright ġewwa l-Amerika għall-ewwel titjira ta' ħajtu. Minn dak il-mument 'il quddiem, huwa baqa' affaxxinat b'din it-teknoloġija tant li ħa sehem fl-Ewwel Gwerra bħala pilota u tilef id-dawl minn għajn waħda f'inċident tal-ajru.

Għalkemm mingħajr suċċess, qabel spiċċat l-Ewwel Gwerra, l'Aero Club tal-Italja kien promotur ewlieni fuq dan is-suġġeriment, sabiex il-Madonna ta' Loreto tkun magħżula bħala protettriċi tal-avjazzjoni saħansitra anke fost is-soċjetajiet tal-pajjiżi alleati. Wara l-gwerra fl-1919 sar attentat ġdid dejjem min-naħa tal-Aero Club bil-ħidma tas-Segretarju tagħha Ercole Morello(Ancona 1862 - Firenze 1939) u anke bl-intervent ta' wħud mill-Kardinali u Isqfijiet.



Dawn il-Prelati distinti irrikorrew għand il-*Congregazione Dei Riti* u t- talba uffiċċjali rat il-firma ta' Mons. Alfonso Maria Andreoli (Pergola 1850 – Recanati 1923) li kien l-Isqof ta' Recanati u Loreto.

Il-prefett ta' din il-Kongregazzjoni, il-Kardinal Antonio Vico (Angugliano 1847 - 1925) ressaq din it- talba quddiem il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XV li b'Digriet Papali ta' nhar l-24 ta' Marzu 1920, laqa' bil-ferħ din il-proposta f'waqtha u għamel lill-Madonna u id-Dar tagħha ġewwa Loreto bħala l-Protettriċi ta' dawk li jivvjaġġaw bl-ajru.

*Digriet Pontifiċju*

*Il-Beata Verġni Marja ta' Loreto ġiet dikjarata Patruna tal-vjaġġaturi tal-ajru.*

*Il-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XV*

*aċċetta minn qalbu t- talbiet ta' wħud mill-Isqfijiet u fidili oħrajn*

*ippreżentati lilu mill-Kardinal hawn taħt iffirmat,.*

*Prefett tas-Sacra Congregazione dei Riti*

*Bl-awtorità suprema tiegħu jiddikjara u jordna*

*lill-Beata Verġni Marja ta' Loreto*

*patruna prinċipali ħdejn Alla ta' dawk kollha li jivvjaġġaw bl-ajru.*

*Ruma 24 ta' Marzu 1920.*

*Kardinal Vico*

*Prefett tas- Sacra Congregazione Dei Riti*


PONTIFICIUM DECRETUM
QUO

Sanctissimus Dominus noster Benedictus Papa XV. piis quorundam Sacrorum Antistitum et aliorum fidelium supplicibus votis, ab infrascripto Cardinali Sacrae Rituum Congregationi Praefecto relatis, libentissime obsecundans, Beatissimam Mariam Virginem Lauretanam nuncupatam, omnium aëronautarum praecipuam apud Deum patronam suprema auctoritate Sua declaravit et constituit. Contrariis non obstantibus quibuscumque.

ALPHONSUS MARIA Episcopus

Dak in-nhar tal-24 ta' Marzu 1920, dan id-Digriet Papali kien akkumpanjat mir-Rit tal-Benedizzjoni tal-ajruplani li kienu qegħdin itiru minn fuq il-Vatikan. Naturalment dan id-digriet kien japplika għall-Knisja Kattolika kollha madwar id-Dinja mingħajr ebda distinzjoni ta' Nazzjonalità jew inkella distinzjoni ta' bejn l-avjazzjoni ċivili u dik militari. Il-Gvern Taljan għaraf din il-protezzjoni b'digriet uffiċċjali ta' nhar il-11 ta' Settembru 1920 u li wara ġie imitat mill-maġġoranza tal-gvernijiet fosthom dawk fl-Amerika t'Isfel fejn kien ġà hemm devozzjoni qawwija lejn il-Madonna ta' Loreto.




F'Loreto, iċ-Ċerimonja tal-Proklamazzjoni ġiet iċċelebrata fil-Bażilika Lauretana nhar it-12 ta' Settembru 1920. Folol kbar ta' pellegrini hu rrappurtat li għamlu l-vjaġġ lejn Loreto għal din l-okkażjoni speċjali fejn saret Quddiesa Pontifikali konċelebrata mill-Isqof ta' Recanati u Loreto Mons. Alfonso Maria Andreoli. Ta' min isemmi mument kommoventi f'din il-ġurnata glorjuża, kif inhu dokumentat fl-Arkivji ta' Loreto. Hekk kif intemm dan il-Pontifikal Solenni l-Isqof Andreoli ħareġ fuq iz-zuntier tal-Bażilika u bierek numru ta' ajruplani li kienu qegħdin itiru fuq il-belt ta' Loreto f'din l-okkażjoni, isellmu issa lill-Madonna ta' Loreto bħala l-protettirċi tagħhom.

Dan il-mument tant kien straordinarju illi wieħed mill-perjodiċi nazzjonali ta' prestiġju fl-Italja "La Domenica Dell Corriere" ta' Milan, poġġa fuq il-faċċata tal-pubblikazzjoni tat-3 t'Ottubru 1920 din il-ġrajja, disenjata miċ-ċelebri illustratur u pittur Achille Beltrame (Arzignano 1871 -Milano 1945).

L-avjazzjoni militari tal-Italja bdiet tiċċelebra b'mod uffiċjali u regolari l-festa tal-Madonna ta' Loreto bħala l-Patruna u Protettriċi mill-10 ta' Diċembru 1929. Filfatt ta' kull sena l-Quddiesa Pontifikali ta' nhar l-10 ta' Diċembru tkun dominata mill-piloti u persuni involuti fl-avjazzjoni ċivili u militari.

Il-Vatikan immarka dan l-anniversarju permezz ta' statwa kbira fil-bronż tal-Madonna ta' Loreto, tistrieħ fuq id-Dinja akkumpanjata minn tlett ajruplani żgħar. Din l-istatwa ġiet imbierka mill-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI fis-Sala Papa Paolo VI nhar l-1 ta' Diċembru 2010 wara l-udjenza ġenerali ta' kull nhar t'Erbgħa, fil-preżenza tad-Delegat Pontifiċju u Arċisqof ta' Loreto Mons. Giovanni Tonucci. Illum din l-istatwa tinsab fl-entratura għall-ajruport ta' Fiumicino ġewwa Ruma. Il-Vatikan għal din l-okkażjoni wkoll ħareġ Aerogramma kommemorattiva li turi d-Dar Imqaddsa ta' Marija qegħda tiġi trasportata fl-ajru permezz tal-Angli. F'ittra li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI bagħat lill-Arċisqof ta' Loreto Mons. Tonucco għal din l-okkażjoni, fost affarijiet oħra semma kif "….il-Madonna ta' Loreto hi l-Patruna u Protettriċi ta' dawk kollha li qegħdin jivvjaġġaw bl-ajru, irrispettivament minn nazzjonalità tagħhom…" kif ukoll tenna l-Q.T. il-Papa "…l-avjazzjoni sar mezz indispensabbli tat-trasport li jintuża kuljum minn miljuni ta' persuni madwar id-Dinja, u li allura jlaqqa' flimkien numru kbir ta' persuni minn kull belt u pajjiż. Dan iwassal sabiex



ikompli jikber id-djalogu u titkattar il-paċi bejn il-pajjiżi u l-mexxejja tagħhom…"

Illum nistgħu ngħidu li fl-ajruporti kollha fl-Ewropa u fil-maġġoranza tal-pajjiżi madwar id-Dinja, għandhom il-kappelli tagħhom iddedikati lill-Madonna ta' Loreto. Dan naturalment japplika wkoll għal pajjiżna, Malta. L-ewwel nett tajjeb insemmu l-knisja tal-Madonna ta' Loreto mibnija fil-Gudja mill-Kavallier Morines fl-1548 (ftit qabel l-Assedju il-Kbir). Naturalment l-ebda kavallier ma kien jobsor li xi darba fl-istess inħawi ta' Malta ser ikun hemm ajruport, però id-destin ried li din il-knisja tal-Protettriċi tal-Avjazzjoni tiġi tmiss mar-runway tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Il-kappella li tinsab ġewwa t-terminal tal-ajruport hi wkoll iddedikata lill-Madonna ta' Loreto, iżda fuq kollox fl-ajruport ta' pajjiżna hemm pittura tad-Dar Imqaddsa ta' Marija, Protettriċi tal-ivjaġġar bl-ajru. Din il-pittura hi xogħol tal-famuż pittur Malti Emvin Cremona u saret għall-ajruport l-antik fl-1965 u damet fl-ajruport l-antik sal-1992 sakemm ġiet trasferita għat-terminal il-ġdid. Illum tinsab fuq it-taraġ li mil-lobby prinċipali jieħdok għas-sezzjoni tad-departures. F'ċerimonja li saret fil-Milied tal-2007, l-Arċisqof ta' Malta Pawl Cremona



kixef plakka kommemorattiva fl-okkażjoni tal-għoxrin anniversarju mill-mewt tal-artist Emvin Cremona.

F' Għajnsielem ukoll ta' kull sena, aħna nsellmu lill-Patruna tagħna bħala l-Protettriċi tal-Avjazzjoni, b'show ta' ajruplani żgħar tan-nar li jaqsmu l-Pjazza tar-Raħal waqt il-marċijiet tal-Ġimgħa u tas-Sibt. Dan is-show ilu jsir f'Għajnsielem għal aktar minn erbgħin sena u ta' kull sena jiġbed lejn ir-raħal tagħna għexieren ta' mijiet ta' Għawdxin, Maltin u turisti li jingħaqdu magħna biex jaraw dan l-ispettaklu. Ngħalqu bil-kummenti ta' Patri Marcello Montanari, segretarju tal-Kongregazzjoni Universali tad-Dar Imqaddsa tal-Madonna ta' Loreto, ippubblikati fil-ktieb *Il Messaggio della Santa Casa* meta fl-2005 huwa għamel esperjenza tal-festa Lawretana f'Għajnsielem;

"…dawn il-festi damu sejrin xi tnax il-jum u ngħalqu bi tridu solenni, b'kant, talb, b'diversi manifestazzjonijiet u purċissjoni. Karatteristika ħafna kienet dik id-dimostrazzjoni tal-Ġimgħa filgħaxija bis-sehem kollu tal-poplu. Hemm rajt is-sehem li taw tant żgħażagħ bil-kant u żfin u x-xbieha tal-Madonna ta' Loreto fuq id-Dar. Din il-purċissjoni bdiet minn naħħa perifika tal-parroċċa u spiċċat fil-pjazza wiesa fejn imbagħad il-Madonna ġiet imtella' fuq il-pedestall għoli filwaqt li l-parruċċani bdew ikantawlha innijiet bil-fjakkli f'idejhom. Wara beda nar artifiċjali u wirja interessanti ta' karattru awronatiku ad unur il-Madonna ta' Loreto, patruna tal-ivvjaġġar bl-ajru. Dehru wkoll mudelli varji ta' opri tal-ajru, imdendla fl-għoli u jimxu bil-qawwa tan-nar artifiċjali mixgħula bin-niċeċ u jtiru b'ħeffa bħall-vleġġeġ fl-ajru minn naħħa għall-oħra tal-pjazza u jisserpeġġjaw fuq ix-xbieha tal-Madonna. Imbagħad is-Sibt u l-Ħadd tal-festa mill-ġdid kien hemm waqtiet oħrajn kommoventi u intensi ħerġin mill-qalb kbira tal-Għajnselmiżi…"



**Is-sena 2020**
**Festa Ċentinarja u Biċentinarja**

Is-sena 2020 għandha tkun sena kbira għar-raħal t'Għajnsielem. Dak inhar jiġi imfakkar it-tieni ċentinarju mit-tberik tal-Knisja il-Qadima, it-tieni ċentinarju mit-tberik tal-Kwadru Titulari kif ukoll l-ewwel ċentinarju mill-Proklamazzjoni tal-Madonna ta' Loreto bħala Protettriċi tal-Avjazzjoni. Minn dawn il-paġni aħna nagħmlu l-appell sabiex mil-lum il-komunità tagħna tibda tipprepara għal din is-sena importanti.